



# Mobilità tax-xogħol fi ħdan l-UE: L-impatt tal-migrazzjoni ta' ritorn

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Hemm interess li qiegħed jikber fil-migrazzjoni ta' ritorn ta' ħaddiema mobbli mill-Istati Membri tal-UE tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant (CEE - *Central and Eastern Europe*) għaliex waħda mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja riċenti kienet aċċelerazzjoni fir-ritorn ta' dawn il-ħaddiema mill-UE15 lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Din ir-riċerka tesplora kemm seħħ dan billi tiġġenera evidenza empirika ġdida, mhux biss permezz ta' analiżi tad-dejta u l-informazzjoni statistika eżistenti, iżda anki permezz ta' intervisti ma' dawk li reġgħu lura f'pajjiżhom, dawk li jfasslu l-politiki u esperti dwar il-migrazzjoni. L-erba' pajjiżi tas-CEE li ġew ikkunsidrati kienu l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija minħabba l-esperjenzi differenti tagħhom kemm fl-emigrazzjoni kif ukoll fir-ritorn tal-emigranti. L-istudji tal-każijiet ipprovdew dejta kwalitattiva rikka dwar ir-raġunijiet għaliex reġgħu lura l-emigranti, kif ukoll dwar iċ-ċirkustanzi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom li jħeġġu, jew għall-kuntrarju, jaqtgħu qalb l-emigranti li jirritornaw. Il-materjal tal-intervisti pprova wkoll tagħrif ġdid dwar l-eżiti fis-suq tax-xogħol tal-mobilità għal dawk li jmorru lura f'pajjiżhom, kif ukoll politiki eżistenti biex jgħinu lil dawk li jmorru lura fl-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

### Kuntest tal-politika

Il-moviment liberu tal-persuni huwa wieħed mill-fatturi ewlenin għal tkabbir intelliġenti u sostenibbli kif saħqet l-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin tagħha 'Aġenda għal ħiliet u impjegi ġodda' u 'Żgħażaġħ Attivi'. Skont l-ewwel waħda, 'il-potenzjal tal-mobbiltà fl-UE stess ... mhux qed jiġi sfruttat u mmirat biżżejjed lejn il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, minkejja l-kontribut sostanzjali tal-migranti għall-impjegi u t-tkabbir'. Wara t-tkabbir tal-UE fl-2004 u l-2007, il-flussi ta' migranti mill-UE8+2 lejn l-UE15 żdiedu b'mod notevoli, u dan ikkontribwixxa għal allokkazzjoni tax-xogħol aħjar madwar l-UE. Madankollu, il-migrazzjoni jista' jkollha konsegwenzi negattivi għall-migranti (jekk jaċċettaw impjegi ta' kwalità baxxa u

l-kapital uman tagħhom jiġi sottovalutat) u għall-pajjiżi ta' oriġini (jekk jitilfu l-forza tax-xogħol tagħhom, speċjalment ħaddiema bi kwalifiki għoljin).

Dawk li jfasslu l-politiki tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali għandhom l-isfida tad-domanda għal azzjonijiet politiċi li jgħinu jindirizzaw il-kwistjonijiet li bħalissa jagħmluha diffiċli għall-migranti u dawk li jmorru lura f'pajjiżhom mis-CEE sabiex jisfruttaw bis-sħiħ il-kapital uman tagħhom u l-opportunitajiet offruti mill-moviment liberu tax-xogħol tal-UE. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, hemm bżonn li jinftiehem aħjar il-proċessi tal-migrazzjoni ta' ritorn li għaddejjin bħalissa.

### Sejbiet ewlenin

- **Ma kien hemm ebda ritorn tal-massa matul il-kriżi ekonomika.** Minflok, ħafna emigranti qabdu strateġija ta' 'stenna u ara x'jiġri' billi baqgħu fil-pajjiżi ospitanti jew komplew jemigraw lejn pajjiżi ta' destinazzjoni oħrajn.
- **L-impatti tal-kriżi ekonomika fuq il-migrazzjoni ta' ritorn kienet kemxejn varjata fost l-erba' pajjiżi magħżulin.** Fil-Polonja u r-Rumanija, l-iktar impatti prominenti kienu l-iffriżar tal-emigrazzjoni, tkabbir fir-rata ta' ritorn li aktarx li xorta waħda kienet isseħħ iktar tard, u żieda fiċ-ċirkolarità (fejn il-migranti jmorru lura lejn il-pajjiż ospitanti b'mod ripetut għal perjodi qosra), segwiti minn żieda oħra fl-emigrazzjoni. Fil-Latvja, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali żied l-emigrazzjoni u naqqas il-migrazzjoni ta' ritorn, li aċċelerat fl-2006 u l-2007, meta kien hemm tkabbir ekonomiku mgħaġġel u żidiet sostanzjali fil-pagi f'bosta setturi. Fl-istess ħin, l-impatt fuq l-Ungerija kien minuri hekk kif il-livell ta' migrazzjoni tax-xogħol mill-Ungerija, kif ukoll il-migrazzjoni ta' ritorn lejn il-pajjiż, kien baxx meta mqabbel mat-tliet pajjiżi l-oħrajn.

- **Il-kriżi ekonomika aċċelerat primarjament ir-ritorni previsti.** Minħabba l-kriżi ekonomika, uħud mir-ritorni previsti seħħew iktar kmieni milli kienu pplanaw l-emigranti stess, minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi li marru għall-agħar. Is-sitwazzjoni ekonomika kompliet iżżid mar-raġunijiet personali jew familjari meta dawn ikkunsidraw ir-ritorn.
- **Ħafna minn dak li marru lura għamlu dan għal raġunijiet familjari jew għaliex kienu kisbu l-għanijiet tal-emigrazzjoni tagħhom.** Ir-raġunijiet familjari kellhom it-tendenza li jaqgħu f'żewġ kategoriji: ritorn biex il-persuna tingħaqad mal-familja fil-pajjiż ta' oriġini, jew ritorn bil-familja lejn il-pajjiż ta' oriġini minħabba l-impjeg tal-imsieħeb/imsieħba jew tranżizzjoni tat-tfal lejn ċiklu edukattiv ieħor. Anki t-twettiq tal-pjanijiet jew, inkella, delużjoni bl-esperjenza reali tal-migrazzjoni kienu fost l-iktar motivi importanti.
- **Malli waslu lura f'pajjiżhom, dawk li marru lura fittxew opportunitajiet aħjar biex jiżviluppaw fil-livell professjonali.** Impjegati tas-sengħa, iżda mhux ferm ikkwalifikati, f'sitwazzjonijiet ta' 'ħela ta' mħuħ' barra l-pajjiż marru lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom sabiex ikomplu bil-professjoni tagħhom ukoll. Madankollu, kellhom probabbiltà li jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-integrazzjoni mill-ġdid b'suċċess fis-suq tax-xogħol tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom minħabba d-diskrepanza fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom. Dan kien partikolarment applikabbli għal persuni żgħażaġħ bla esperjenza ta' xogħol rilevanti għall-kwalifiki tagħhom.
- **L-esperjenza tal-mobilità ta' emigranti bi kwalifiki għoljin li marru lura f'pajjiżhom kienet apprezzata fis-swieq tax-xogħol tal-pajjiż ta' oriġini, filwaqt li dan mhux dejjem kien il-każ fir-rigward tal-ħaddiema mobbli b'ħiliet baxxi.** L-emigranti li marru lura f'pajjiżhom kienu f'pożizzjoni aħjar jekk l-esperjenza tax-xogħol internazzjonali kienet importanti għall-impjegatur. Is-soltu, dan ma kienx il-każ f'impjegi b'ħiliet baxxi, fejn il-ħaddiema esperjenzaw diffikultajiet fl-użu tal-ħiliet il-ġodda tagħhom.
- **L-erba' pajjiżi mis-CEE kkunsidrati implimentaw bosta inizjattivi bil-politiċi li fil-mira tagħhom kellhom lir-ritornati, u bi skopijiet differenti.** Fil-Latvja u l-Polonja, inizjattivi bħal dawn ġew żviluppati minħabba l-fluss enormi 'il barra ta' nies u n-nuqqasijiet konsegwenti fis-suq tax-xogħol. Fir-Rumanija, l-inizjattivi nħolqu minħabba l-pressjoni mill-awtoritajiet fil-pajjiżi riċevituri biex jikkontrollaw il-fluss ta' emigranti. Madankollu,

il-fatturi politiċi dehru li kienu ta' importanza neglijabbli għall-emigranti li marru lura f'pajjiżhom minħabba x-xettiċiżmu ġenerali fir-rigward ta' dawn il-politiċi u viżibilità limitata tal-inizjattivi politiċi fost il-grupp fil-mira.

## Indikazzjonijiet tal-politika

Ir-rakkomandazzjonijiet politiċi ta' hawn taħt jissuġġerixxu azzjonijiet li jgħinu jindirizzaw il-kwistjonijiet li bħalissa jaqgħamluha diffiċli għall-migranti u dawk li marru lura f'pajjiżhom mis-CEE biex jisfruttaw bis-sħiħ il-kapital uman tagħhom u l-opportunitajiet offruti mill-moviment liberu tax-xogħol fl-UE.

- **Assistenza lill-emigranti li marru lura f'pajjiżhom li ħadu impjegi fejn jinħlew il-ħiliet – miżuri kontra l-'ħela ta' mħuħ'** Il-ħaddiema tas-sengħa li ħadu impjegi ta' livell inqas meta mqabbla mal-kwalifiki tagħhom spiss iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jintegraw ruħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom wara r-ritorn tagħhom. Il-potenzjal tagħhom huwa moħli kemm fil-pajjiżi riċevituri kif ukoll dawk emittenti. Għaldaqstant, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-fenomenu ta' telf ta' ħiliet kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-UE.
- **Titjib fil-kooperazzjoni bejn l-inizjattivi pubbliċi u privati kif ukoll l-NGOs, sabiex jiġu esplorati s-sinerġiji meħtieġa** Minħabba l-fiduċja limitata fil-politikanti osservata fir-reġjun, kwalunkwe inizjattivi politiċi li fil-mira tagħhom għandhom lill-emigranti li marru lura f'pajjiżhom għandhom jinvolvu lil NGOs jew entitajiet tas-settur privat minflok il-gvernijiet waħedhom.
- **Titjib fil-ġbir ta' dejta dwar il-fluss 'il barra tal-ħaddiema mobbli u l-migrazzjoni ta' ritorn biex ikun jista' jkun hemm viżjoni aktar ċara tal-iskala tal-mobilità** L-Istati Membri tal-UE jieħdu azzjonijiet biex itejbu l-istatistiki uffiċjali dwar l-emigrazzjoni u r-ritorn, forsi billi joħolqu inċentivi għall-ħaddiema mobbli sabiex jiddikjaraw b'mod uffiċjali l-emigrazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-migrazzjoni ta' ritorn b'mod speċifiku, ikun ta' għajjnuna li kieku tkun tista' tiġi adottata definizzjoni komuni ta' 'migrazzjoni ta' ritorn' madwar l-UE biex jiġi ffaċilitat il-paragun.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport dwar *Labour mobility within the EU: The impact of return migration* (Il-mobilità tax-xogħol fi ħdan l-UE: L-impatt tal-migrazzjoni ta' ritorn) huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1243.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Klára Fóti, maniġer tar-riċerka, [klara.foti@eurofound.europa.eu](mailto:klara.foti@eurofound.europa.eu)